# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Rikors Ġuramentat Numru: 106/2018 PC**

**Melanie Brignoli Grech**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku għal Għawdex**

**Illum l-Erbgħa, 13 ta' Marzu 2019**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu r-rikorrenti wara li ppremettew:

Illi l-esponenti żżewġet lil Angelo Brignoli bir-rit kattoliku fil-Bażilka ta' San Pietru u San Pawl, fin-Nadur, Għawdex fil-ħdax (11) ta' Diċembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) kif jidher mill-estratt tal-att taż-żwieġ tagħhom li jġib in-numru mitejn tas-sena elfejn u ħmistax (200/2015) hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

Illi l-esponenti ilha tagħmel użu mill-kunjom Brignoli mill-ħdax (11) ta' Diċembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) eżattament mid-data tat-tieġ tagħha, u kemm il-familjari tagħha, ħbiebha kif ukoll il-kollegi tax-xogħol jafuha u jirreferu għaliha bħala Melanie Brignoli;

Illi l-esponenti kienet iddeċidiet illi tieħu kunjom ir-raġel tagħha;

Illi iżda ai termini tal-artikolu 4 (1) tal-Kodiċi Ċivili, l-esponenti kienet għażlet ukoll illi żżid kunjom xbubitha wara kunjom żewġha u dan għaliex hija ma xtaqitx li t-tifel tagħha minn relazzjoni preċedenti jkun l-unika wieħed fil-familja b'kunjom differenti;

Illi permezz tad-digriet finali tat-28 ta' Ġunju 2018, bin-numru 85/2018 il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja laqgħet it-talba għall-addozzjoni tat-tifel minn relazzjoni oħra minn zewġha Angelo Brignoli u illi kunjom il-minuri jkun Brignoli;
Illi tenendo kont illi l-intenzjoni tal-esponenti minn dejjem kienet illi tieħu kunjom żewġha wara ż-żwieġ, u li hija erronjament ħasbet illi kemm-il darba hija tagħżel li żżid

kunjom xbubitha wara ta' żewġha, hija kellha kull opportunita' illi tneħħi kunjom xbubitha minn wara kunjom żewġha u ma rrealiżżatx illi hekk bl-għażla tagħha hija ntrabtet illi dejjem tuża kunjom xbubitha wara kunjom ir-raġel;

Illi kif se jirriżulta waqt is-smiegħ u t-trattazzjoni ta' din il-kawża, m'hemmx dubju illi l-esponenti ma kenitx se żżomm kunjom xbubitha wara ta' żewġha kieku kienet konsapevoli tal-konsegwenzi ta' din l-għażla;

Illi l-esponenti għandha tibda l-ħajja miżżewġa u konvinta illi hija se jibqa' jiddispjaċiha matul ħajjitha kollha sforz ta' din id-deċiżjoni żbaljata stante illi hija qatt ma jista' jkollha l-istess kunjom bħal żewġha u uliedha;

Illi għalhekk l-esponenti kellha tipproċedi b'din il-kawża;

Illi dawn il-fatti qed jiġu dikjarati minn Melanie Brignoli Grech li għandha konoxxenza propria tagħhom.

Tablet lill-konvenut jgħid għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex għoġobha:

1. Tiddikjara l-att taż-żwieġ numru mitejn tas-sena elfejn u ħmistax (200/2015) huwa skorrett fis-sens kif fuq spjegat.

2. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex iwettaq il-korrezzjoni tal att taż-żwieġ numru mitejn tas-sena elfejn u ħmistax b'mod illi fin notament indikat fl-istess att għandu jkun indikat illi *"l-mara ghazlet li tiehu kunjom zewgha maz-zwieg"* u mhux li *"ghazlet li zzid kunjom xbubitha wara kunjom ta' zewgha maz-zwieg"*.

3. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex din il-korrezzjoni, ordnata minn din l-Onorabbli Qorti, tiġi riflessa wkoll f'kull Att tal-istat ċivili tagħha, b'mod partikolari fil-karta tal-identita' tal-esponenti (kopja annessa bħala Dok. B), fil-passaport tal-esponenti (kopja annessa bhala Dok. C) u fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' Waylon Brignoli (kopja annessa bħala Dok. D), b'dan illi l-esponenti għandha tiġi ndikata bil-kunjom ta' 'Brignoli'.

Bl-ispejjeż kollha u bl-inġunzjoni tal-intimati minn issa għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenut li peremzz tagħha eċċepixxa:

1. llli in limine litis huwa meħtieġ li b'ordni tal-Qorti, la lanqas ħmistax il-ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi preliminarjament, l-esponent jeċċċpixxi illi huwa mhux il-leġittimu kontradittur stante li din l-azzjoni kellha tiġi ntavolata kontra d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku (Għawdex) u mhux dak ta' Malta u dan peress illi l-atti tat-twelid, tal-mewt, taż-żwieġ u ta' unjonijiet ċivili reġistrati Għawdex jiġu preservati ġewwa r-reġistri ta' Għawdex, u d-Direttur tar Reġistru Pubbliku ġewwa Malta ma jkunx fil-pussess ta' dawn id-dokumenti u l-*files* relattivi li għandhom x'jaqsmu magħhom, u dan kollu ai termini tal-artikoli 2 u 4 tal-Att dwar ir-Reġistru

Pubbliku (Kap. 56 tal-Liġijiet ta' Malta). Illi b'żieda ma' dan, jekk il Qorti tiddeċiedi illi għandha ssir xi korrezzjoni f'xi att reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex, tali korrezzjoni tista' ssir biss mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex;

3. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-premess, f'dan l-istadju l-esponenti jeċċċpixxi illi Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, jagħti biss lok għal korrezzjonijiet f'ismijiet u mhux kunjomijiet salv pero' jekk ma jkunx hemm xi żball ġenwin li għandu jkun wieħed ċar u evidenti, hekk kif ġie enunċjat fid-dibattiti parlamentari u ġiurisprudenza nostrana;

4. Illi bla ħsara għal premess u fil-mertu, jidher li din l-azzjoni legali qed tiġi ppernjata abbażi tal-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex issir korrezzjoni fl-att taż-żwieġ tar-rikorrenti u kif ukoll fkull All ċivili tar-rikorrenti u jiġi ddikjarat illi kunjom ir-rikorrenti huwa Brignoli u mhux 'Brignoli Grech';

5. Illi l-esponent jagħmel referenza għall-Artikolu 4 tal-Kodiċi Ċivili, hckk kif kien applikabbli fis-sena 2010, u ċioe' li maż-żwieġ il-miżżewġin setgħu jagħżlu mis-segwenti possibilitajiet fir-rigward tal-kunjom: (i) il-miżżewġin maż-żwieġ jiċħdu kunjom ir-raġel u martu tista' żżid kunjom xbubitha miegħu jew kunjom ir-raġel li jkun miet qabilha, u (ii) il-mara tista' tagħizel li żżomm kunjom xbubitha li warajh tista' żżid kunjom żewġha. Madanakollu, f'każ li l-mara tagħżel li żżomm kunjom xbubitha, dan jiġi dikjarat qabel il-publikazzjonijiet tat-tnidijiet taż-żwieġ skont il-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta, **liema dikjarazzjoni tkun waħda irrevokabbl**i (enfasi tal-esponent);

6. Illi stante s-suespost, l-esponent huwa tal-umli fehma illi d-dikjarazzjoni tal-attriċi hija waħda valida u li ma kienx hemm żball ġenwin li jista' jitqies ċar u evidenti, u għaldaqstant ma hemmx lok li fil-preżent jitneħħa kunjom xbubitha wara dak ta' żewġha;

7. Illi stante s-suespost, l-esponenti huwa tal-fehma illi t-talba kif dedotta ma timmerittax li tintlaqa' minn din l-Onorabbli Qorti. Madanakollu huwa jirrimetti ruħu għall-għaqli u s-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

8. Illi bla preġudizzju għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi mar-Rikors.

Semgħet lill-attriċi tispjega ċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat ukoll illi saret il-publikazzjoni dovuta fil-gazzetta tal-gvern tat-tmienja (8) ta' Frar elfejn u dsatax (2019).

Innutat li ma kien hemm ebda reazzjoni għal din il-publikazzjoni.

Rat ukoll l-Art. 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Art. 2 u 4 tal-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku tal-Kap. 56 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti;

Billi jidhrilha illi ma hemm xejn f'dawn l-Artikoli tal-Liġi hawn iċċitati illi minħabba fihom ma tistax issir il-korrezzjoni kif mitluba, tiddeċidi l-kawża billi tiddikjara l-ewwel żewġ talbiet tar-rikorrenti ġustifikati u għalhekk tiddikjara:

1. Illi l-att taż-żwieġ numru mitejn tas-sena elfejn u ħmistax (200/2015) huwa skorrett fis-sens spjegat fl-istess rikos ġuramentat; u

2. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex iwettaq il-korrezzjoni tal-att taż-żwieġ numru mitejn tas-sena elfejn u ħmistax (200/2015) b'mod illi fin- notament indikat fl-istess att għandu jkun indikat illi *"l-mara ghazlet li tiehu kunjom zewgha maz-zwieg"* u mhux li *"ghazlet li zzid kunjom xbubitha wara kunjom ta' zewgha maz-zwieg"*.

Tiċħad it-tielet talba, billi din tinvolvi terzi persuni illi m'humiex parti fil-kawża preżenti.

L-ispejjeż ta' din il-kawża, fiċ-ċirkostanzi tal-każ għandhom jiġu ssopportati mir-rikorrenti stess.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Daniel Sacco
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur